

# L-ISTORJA tal-Artal Maġġur fis-Santwarju Parrokkjali ta' Kerċem

## FL-OKKAŻJONI TAT-30 SENA MID-DEDIKAZZJONI TAL-ARTAL MEJDA

Jikteb **Mons. Carmelo BORG,** Cap. S.S.

L-artal, li fih innifsu huwa simbolu ta' Kristu, jikkostitwixxi element mill-aktar bażiku u ċentrali li jinsab fil-qalba ta' kull ċelebrazzjoni liturġika li ssir fil-knejjes tagħna l-insara. L-istorja tal-artal bħala post fejn isir is-sagrifiċċju hija qadima daqs l-istorja tal-bniedem primittiv li fittex jiltaqa' u jagħmel kuntatt mad-divinità.

Fil-Patt il-Ġdid l-artal sar il-mejda tas-sagrifiċċju, fejn Kristu nnifsu joffri ruħu lil Alla Missier u hekk jiġġedded kull darba b'mod misterjuż is-sagrifiċċju tal-Kalvarju. Lilna li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, Kristu jagħtina sehem minn din l-offerta qaddisa kull meta aħna nieħdu sehemna mill-artal fit-tqarbin imqaddes. Difatti, fil-knisja tal-bidu kien emfasizzat dan l-aspett ta' ikla fiċ-ċelebrazzjoni tal-

Ewkaristija.(1 Kor 10,21). Terminoloġija inqas komuni kienet dik li temfasizza l-aspett sagrifikali (Lhud 13,10). Mal-medda taż-żmien, meta l-Ewkaristija bdiet tkun separata mill-kuntest ta' ikla, l-Ewkaristija bħala "sagrifiċċju" bdiet tieħu iktar importanza. U minn hawn 'il quddiem l-insara tar-Rit Latin bdew jitkellmu mill-"altare", (artal, fis-singular) b'differenza għall-"altaria", (artali, fil-plural) użati mill-pagani.

## L-Artal Fil-Knisja Tal-Ewwel Żminijiet

Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, l-artal kien mejda żgħira tal-injam li d-Djakni aktarx kienu jieħdu ħsieb iġibuha f'nofs il-ġemgħa meta jkun wasal il-waqt tal-Liturġija tal-Ewkaristija, u fuqha kienu jpoġġu l-ħobż u l-inbid għas-sagrifiċċju. Għalkemm l-artali tal-injam baqgħu użati sas-seklu VI u forsi aktar tard ukoll, mis-seklu IV 'il qudddiem bdew jintużaw artali tal-ġebla fissi mal-paviment flok l-artali portabbli. Wara l-paċi ta' Kostantinu, meta l-persekuzzjonijiet għaddew u l-Knisja ħarġet mid-dlam tal-katakombi u bdew jinbnew il-knejjes insara, l-artal tal-ġebla fiss beda jieħu l-post ċentrali fil-postijiet imqaddsa destinati għall-kult divin.

Il-kotra tal-artali fl-ewwel sekli tal-kristjaneżmu kienu speċi ta' mejda li tistrieħ fuq kolonna waħda, xi drabi fuq tlieta jew erba' kolonni li, fil-mensa jew eżattament taħt l-artal, kienu jitpoġġew xi relikwiji tal-martri. Xi drabi kienu mibnija fuq l-istess qabar tal-martri. Kienu jkunu f'post ċentrali minn fejn l-insara miġbura kollha kienu jistgħu jaraw, u allura jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-sagrifiċċju. Biż-żmien, wara li l-artal tressaq mal-ħajt tal-abside, il-mejda flok fuq erba' kolonni bdiet titkaħħal ma' blokki kbar tal-ġebel biex tidher qisha blokka waħda. Aktar tard daħlet id-drawwa li fuq l-artal iqiegħdu xbihat ta' Kristu, tal-Madonna, u tal-Qaddisin b'xeni minn ħajjithom, jew minsuġa fuq arazzi, jew skolpiti fl-injam, jew fl-irħam, jew saħansitra fil-fidda jew fid-deheb mastizz, jew ukoll pittura xi drabi f'forma ta' trittiku jew polittiku. Meta l-artal beda jitqiegħed mal-ħajt tal-abside dawn ix-xbihat allura saru ħaġa waħda mal-artal. Dan ġara l-iktar fi żmien ir-rinaxximent u l-barokk meta dak li fil-bidu tqiegħed fuq l-artal jew wara l-artal bħala tiżjin, sar ħaġa waħda mal-artal u qisu parti importanti minnu. Maż-żmien żdied ukoll l-iskannel u fuqu, bdew jitpoġġew ix-xemgħat li l-Akkolti kienu jġorru fil-purċissjoni tal-introjtu li fil-bidu kienu jitħallew fl-art madwar l-artal, imbagħad bdew jitpoġġew fuq l-artal, sakemm ultimament bdew jitħallew hemm anke wara li ċ-ċelebrazzjoni kienet tintemm. U minn hawn oriġinat id-drawwa li fuq l-artal ikun hemm dak is-sett gandlieri bix-xemgħat. Maż-żmien f'xi okkażjonijiet ta' ċelebrazzjonijiet solenni, bħal ngħidu aħna l-Festi titulari u l-Kwaranturi, bdew jitpoġġew diversi settijiet ta' gandlieri bix-xemgħat. Hekk wasal sa żmienna l-artal maġġur kif sal-ġurnata tal-lum għadna narawh f'xi knejjes fejn ir-riforma mitluba mill-Konċilju Vatikan II għad ma ġietx implementata fis-sħuħija tagħha.

## L-Ewwel Artal Fil-Knisja Ta' San Girgor: Artal Privileġġjat

Hekk kien preċiżament l-ewwel artal maġġur fil-knisja ta' San Girgor li nbniet f'nofs is-seklu dsatax. Kien artal tal-ġebel bi skannel antik tal-injam aħmar, skolpit u ndurat. Kien imressaq mal-ħajt tal-abside eżattament taħt l-ikona prezzjuża li tirrappreżenta l-qaddisin patruni ta' dan ir-raħal: San Girgor u l-Madonna tas-Sokkors. Nerġa' ngħid, kien artal tal-ġebel, imma ma kien jonqsu xejn: "tutto giusto, nuovo, ed a regola" . Hekk jiddeskrivih ir-rapport tal-Vista Pastorali tal-Isqof Mons. Antonio Grech Delicata li saret fis-sena 1869.

Kien Artal Privileġġjat (Artale Privileggiato in Perpetuo), unur mogħti bi Brevi Pontifiċju tal-Papa (illum Beatu) Piju IX nhar it-28 ta' Novembru, 1862. Artal privileġġjat kien iffisser xi ħaġa! L-artali privileġġjati, li marbuta magħhom ħafna drabi kien ikun hemm indulġenzi speċjali, kont issibhom fi knejjes u bażiliċi kbar bħal San Pietru fil-Vatikan, f'Lourdes, u fi knejjes oħra magħrufa bħala ċentri jew destinazzjoni ta' pellegrinaġġi. Dan żgur kien ġieh kbir li ingħata lill-knisja tagħna meta kienet għadha biss Viċi-Parroċċa!… Niftehmu, kien hawn knejjes oħra f'pajjiżna li kienu jgawdu dan il-privileġġ.

Ta' min ifakkar li Piju IX kien mhux biss suċċessur ta' San Girgor bħala Ragħaj universali tal-Knisja,



*Beatu Papa Piju IX*

imma kien ukoll wieħed mill-Papiet l-iktar devoti tal-Madonna tas-Sokkors li matul il-pontifikat twil tiegħu (1846-1878), ippromwova bis-sħiħ id-devozzjoni lejha. U ma ninsewx: fuq dan l-artal, fil-parti superjuri tal-kwadru titulari, tiddomina l-Omm tas-Sokkors, ir-Reġina Coeli, ikona prezzjuża li tpittret fil-Belt Eterna (1854), fi żmien il-pontifikat ta' Piju IX.

## It-Tieni Artal Maġġur – Illum It-"Turris Eucharistica"

l-ewwel artal maġġur li kien hawn fil-knisja ta' San Girgor baqa' hemm sakemm tkabbret il-knisja (1907-1910), meta minn sempliċement navata waħda li twassal lejn l-abside li kienet tħaddan l-artal maġġur bil-kwadru titulari fuqu, ħadet il-forma ta' salib latin kif nafuha llum.

Meta tkabbret il-knisja parrokkjali ta' Kerċem, u allura nbena wkoll il-kor, l-artal maġġur li fil-bidu kien eżattament taħt il-kwadru titulari, inqala' minn mal-abside u tpoġġa bejn il-pilastri maġġuri minn fejn il-kongregazzjoni kollha (allura anke dawk li kienu jkunu fil-kappelluni) setgħu isegwu u jipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjonijiet sagri. Fil-11 ta' Marzu 1910, meta kienet ġiet inawgurata l-Knisja Parrokkjali li kienet għadha kif tkabbret, kien tbierek ukoll dan l-artal maġġur ġdid. Imbagħad kien ġie ikkonsagrat mill-Isqof Mons. Giovanni Maria Camilleri meta saret id-Dedikazzjoni tal-Knisja Parrokkjali nhar it-22 ta' Ottubru 1911, eżattament mitt sena ilu. Dan it-tieni artal maġġur kien tal-irħam u ddekorat bil-bronż. Inħadem mid-Ditta Sare`, u kien sewa £100. L-ispiża kollha tal-artal kienet tħallset mill-familja Saliba (ta' Gejzu). Dan l-artal li kont titla' għalih b'żewġ tarġiet baqa' f'postu sas-sena 1980 meta, biex tkun implimentata r-riforma mitluba mill-Konċilju Vatikan II, kien tpoġġa f'postu l-artal mejda tal-irħam li naraw llum.



Mill-1980 'l hawn, dak it-tieni artal maġġur (tal-irħam) wara li sarulu xi adattamenti u alterazzjonijiet, tpoġġa fil-kor taħt il-kwadru titulari u sal-lum għadu jservi bħala Turris Eucharistica. Ix-xogħol fuq it-Turris Eucharistica kien tmexxa minn Girgor Mercieca (tal-Bieba).

Wieħed irid jgħid ukoll li wara l-Konċilju, b'inizjattiva tal-Kapppillan Dun Nikol Vella (1966-1973), kien sar provizorjament artal tal-injam portabbli li tpoġġa quddiem l-artal maġġur. Dan serva għal xi snin meta l-quddiesa kienet reġgħet bdiet issir bil-qassis iħares lejn il-poplu kif kien isir fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu. Din ta' artal quddiem l-ieħor ma kinitx xi ħaġa ideali. Fuq il-presbiterju għandu jkun hemm biss artal maġġur wieħed. Id-dehra ta' żewġ artali, wieħed quddiem l-ieħor, fuq l-istess presbiterju hija stonatura liturġika mill-akbar!

Illum fil-knisja parrokkjali ta' Kerċem, l-artal maġġur huwa l-artal mejda tar-rħam li tpoġġa f'post aktar ċentrali wara li fl-1980 kien tkabbar il-presbiterju. Hekk il-poplu jsegwi aħjar, u jistà jipparteċipa aktar. Kienet ideja tajba li l-artal ta' qabel ma nqeridx għal kollox. Instabet soluzzjoni biex mingħajr ma ġie ssagrifikat il-patrimonju artistiku tal-knisja, (u hawn għandi f'moħħi mhux biss l-artal innifsu imma wkoll tant oġġetti prezzjużi oħra li jintramaw fuqu bħalma huma apparat ta' rakkmu fin, l-appostli, il-fjuretti tal-ganutell eċċ.), sar l-addattament neċessarju biex il-knisja ikkonformat ruħha mar-riforma mitluba mill-Vatikan II.

## It-Tielet Artal Maġġur : L-Artal Mejda

Illum il-Knisja trid li l-artal jerġa' jkollu s-sura ta' mejda, li fuqha ċ-ċelebrant joffri s-sagrifiċċju b'wiċċu lejn in-nies kif kien isir fil-knisja bikrija. Iżda għalkemm nistgħu ngħidu li f'kull knisja għandna l-artal mejda, qalb ħafna "dilettanti" għadha marbuta mal-artal ta'



*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi jidlek biż-żejt tal-griżma l-wiċċ tal-artal il-ġdid*

qabel il-Konċilju bit-tagħmir kollu tiegħu, tant li f'xi knejjes l-artal mejda baqa' ħaġa proviżorja li titneħħa meta tiġi l-festa patronali biex jitgawda l-artal l-antik armat sabiħ. Ikolli ngħid li anke f'ta' Kerċem ġie li sar hekk sa meta kien għad hemm l-artal portabbli, qabel ma sar l-artal mejda fiss li għandna llum.

Kien bl-inizjattiva tal-eks Kappillan il-Kanoniku (illum Monsinjur) Franġisk Debrincat li, fis-sena 1980, sar l-artal mejda tal-irham li jżejjen is-Santwarju Parrokkjali ta' Kerċem. Wara li ħa l-pariri meħtieġa, is-Sur Toni Saliba (mill-Belt Victoria) kien ġie kkummissjunat biex iħejji d-disinn għall-artal. Il-Kappillan Debrincat imbagħad issottometta dan id-disinn lill-Kummissjoni tal-Arti Sagra li sussegwentement tat l-approvazzjoni tagħha. Mhux ser nitkellem fuq il-valur artistiku ta' dan l-artal. Mhux kompitu tiegħi li nagħmel dan. Anqas ser noqgħod infisser id-diversi simboli ornamentali li jiddekorawħ għax inkella niġbed fit-tul ħafna. Fuq kollox, anqas hu l-iskop ta' dan l-artiklu. Hawn ser nillimita ruħi biex b'mod konċiż, nagħti biss xi tagħrif li rnexxieli niġbor biex għallinqas l-ewwelnet nikkoreġi xi żbalji storiċi li ġie li ingħataw minn xi ħadd ieħor fl-imgħoddi, u mhux inqas biex ilkoll kemm aħna napprezzew aktar l-isforzi u s-sagrifiċċji li saru, kemm mill-Kappillan li ħa l-inizjattivà u kemm mill-poplu li għamel l-offerti tiegħu, biex saret din l-opra fis-Santwarju Parrokkjali tagħna.

Il-fond għall-artal il-ġdid infetaħ fl-1979. Il-Kappillan Debrincat, kważi kull ġimgħa, kien jagħti rendikont tal-offerti li kienu jidħlu, u n-nies baqgħu jikkontribwixxu ġenerożament tul dik is-sena, u saħansitra sa sena wara - għallinqas sas-27 ta' Lulju 1980 - meta l-artal kien diġa` tqiegħed fil-post. Fost dawk li għamlu l-offerti tagħhom kien hemm persuna li f'Mejju 1980 tat is-somma ta' Lm145 bil-għan speċifiku li jinxtara ċ-ċomb li fuqu kellu jitpoġġa l-artal.

Il-kuntratt tal-artal sar bejn Alfred Zahra li deher għal E. Theuma & Co. Ltd. u l-Kappillan Dun Franġisk Debrincat għall-parroċċa Ta' Kerċem, preċiżament nhar leljet l-Imnarja, 28 ta' Ġunju 1979. Ix-xogħol fl-irħam inħadem mid-Ditta Cav. Tem. Sarti – Pietrasanta (Lu) fl-Italja. L-ornamenti u l-aċċessorji tal-bronż inħadmu fil-fonderija tad-Ditta Tommasi ġewwa Pietrasanta fejn kien sar ukoll il-monument ta' Karmni Grima (ta' Pinu). Ta' min jgħid li kemm id-Ditta Sarti kif ukoll id-Ditta Tommasi ta' Pietrasanta ħadmu bosta xogħlijiet oħra għal diversi knejjes f'Għawdex.

L-artal wasal Għawdex fil-bidu ta' Lulju 1980, u toġġa f'postu minnufih biex kien lest għall-festa tal-Madonna tas-Sokkors ta' dik is-sena. Ix-xogħol tat-tqegħid tal-artal tmexxa mill-marmista Marco Montebello. L-artal mejda kien sewa s-somma ta' Lm 5152.

Issa li l-artal il-ġdid kien lest, kien imiss issir id-Dedikazzjoni tiegħu. Għal din iċ-ċerimonja solenni ġie magħżul il-jum tas-Sibt 3 ta' Jannar 1981. Biex il-poplu jitħejja għal dan ir-rit kellha ssir xi forma ta' katekeżi preliminari. Għal dan il-għan kien ġie stampat fuljett: "Tberik u Konsagrazzjoni tal-Artal il-Ġdid", li tqassam fil-familji kollha tal-parroċċa. Il-Kunsill Parrokkjali kien nieda wkoll "Kompetizzjoni dwar L-Artal" għall-istudenti. Għal din il-kompetizzjoni bil-miktub l-istudenti kellhom jistudjaw il-materjal dwar il-konsagrazzjoni tal-artal li kien hemm fil-fuljett imqassam fid-djar kollha tar-raħal. Din l-attività kienet tħalliet f'idejn l-eks għalliema Vitorja Azzopardi u Carmen Buhagiar (illum it-tnejn mejtin), li minn għandhom setgħu jinkisbu l-formuli tal-applikazzjoni għal din il-kompetizzjoni bi premju. Anke din l-inizjattivà b'xi mod serviet għat-tħejjija tal-adoloxxenti u taż-żgħażagħ, għal din iċ-ċerimonja mhux tas-soltu.

Iż-żmien igerbeb, u kienu għaddew sitt xhur minn meta l-artal il-ġdid kien tpoġġa f'postu. Wasal il-Jum tad-Dedikazzjoni tal-Artal. Dak in-nhar tat-3 ta' Jannar 1981, kmieni filgħodu, fil-5.15, il-qniepen daqqew mota solenni biex tfakkar lill-poplu u tistiednu jieħu sehem fil-funzjonijiet ta' dak il-jum memorabbli. Fis-5.45am saret quddiesa kantata, u fis-6.10am beda jum adorazzjoni. Biex iqarar il-poplu kien inġab konfessur Malti, Patri Samwel Powell Kapuċċin, li kien dispost jisma' l-qrar sa mit-8.30am. Fil-5.00pm saret siegħa adorazzjoni solenni li tmexxiet mis-seminaristi tal-Parroċċa : Mario Grech (illum l-Isqof Djoċesan), Frankie Sultana (illum Rettur ta' Santa Luċija), u Lino Vella (eks-Kappillan tal-Fontana). Fis-6.00pm, L-Isqof Djoċesan Mons. Nikol Ġ. Cauchi assistit mill-kappillan il-Kanoniku Dun Franġisk Debrincat u minn Mons. Girgor Vella, ta bidu għar-rit tad-Dedikazzjoni tal-Artal u għall-konċelebrazzjoni solenni li saret wara f'dik l-okkażjoni. Kienu ħadu sehem ukoll is-saċerdoti tal-parroċċa, fosthom jiena. Il-poplu attenda numeruż… Għadni niftakar sewwa, il-knisja kienet mimlija daqs bajda!

**Konkluzjoni**

Issa għaddew 160 sena minn meta fl-1851 tbierek l-ewwel artal maġġur fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor; għaddew 100 sena minn meta ġie kkonsagrat it-tieni artal fis-sena 1911; għaddew 30 sena minn meta fl-1981 saret id-Dedikazzjoni tal-Artal Maġġur attwali (it-tielet wieħed) fis-Santwarju Parrokkjali tagħna… Storja twila li tmur lura tant snin tfakkarni f'mijiet u eluf ta' Għawdxin antenati tagħna, li madwar l-artal ta' San Girgor f'dan is-Santwarju, inġabru u ġew f'pellegrinaġġi minn kull rokna tal-Gżira biex jagħmlu talb ta' supplika u ta' radd il-ħajr, ifittxu faraġ u jfissru ferħ, waqt li ċċelebraw is-Sagrifiċċju ewlieni tar-Reliġjon tagħna. Jalla, fuq l-eżempju ta' missirijietna, nibqgħu ngħamlu hekk aħna wkoll, illum, u għal li ġej!



## *L-Għaqda Mużikali San Girgor tifraħ lil...*

Nhar il-Ħamis, 23 ta' Ġunju s-seminarista Daniel Grech mill-Parroċċa tagħna ġie ordnat Djaknu mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech fil-Knisja Katidrali. Huwa għadu kif temm is-sitt sena ta' formazzjoni ġewwa s-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, ir-Rabat. Il-ministeru tad-Djakonat huwa mogħti lis-seminarista bħala l-aħħar tappa qabel ma jiġi ordnat saċerdot. Fost il-ħidma ewlenija marbuta ma' dan il-ministeru hemm ix-xandir ta' l-Evanġelju u l-għajnuna lis-saċerdot fil-funżjonijiet liturġiċi u l-għoti tas-sagramenti, u t-tqarbin tal-morda.